# Francesco Zahra

## (1710 - 1773)
## 300 Sena minn twelidu



**Kitba ta' Sunny Aquilina**

Din is-sena, 2010 jaħbat għeluq it-tliet mitt sena mit-twelid ta' wieħed mill-artisti kbar Maltin, Francesco Zahra. Huwa għandu xogħol f'bosta knejjes f'Malta u Għawdex u għadd sabiħ ta' pitturi għamilhom għall-knejjes ġewwa Bormla, l-aktar għall-knisja parrokkjali, kif sejrin naraw. Huwa xieraq għalhekk li nagħtu ħarsa lejn il-ħajja ta' dan il-pittur magħruf u nsiru nafu aktar dwar ix-xogħol tiegħu.

Ta' min jgħid li Francesco kien bin l-arti, nannuh Antonio kien skultur imma aktar magħruf kien missieru Pietro Paolo Zahra (1685-1747) li kien imsemmi għall-iskultura fil-ġebel hekk li kienu jsejħulu *"Tal-Iskarpellin"*. F'Bormla għandna wkoll xogħlijiet ta' missieru kemm fil-knisja parrokkjali fejn għamel in-niċċa ta' Ġesù Bambin fuq l-artal ta' Pentecoste u San Ġużepp u wkoll fl-Oratorju. P. Paolo iżżewweġ lil Augustina Casanova fil-parroċċa tal-Isla fl-1 ta' Awwissu, 1706. Francesco kien it-tieni wild u l-ewwel tifel li kellhom. Twieled l-Isla fil-15 ta' Diċembru, 1710 u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' belt twelidu fl-istess jum. Tawh l-ismijiet Vincenzo Francesco u bdew isejħulu Francesco. Kellhom bosta tfal oħra fosthom Rosa, Maddalena, Margherita, Maria, Felice, Benedetto u Oratio Nicola li miet żgħir. Naturalment l-ewwel tagħlim ħadu minn għand missieru imma deher li Francesco kien aktar inklinat lejn il-pittura. Ħa tagħlim kemm fid-disinn kif ukoll fl-ilwien mill-artist Gian Nicola Buhagiar (1670-1745) li kien minn familja ta' artisti. Il-familja ta' Zahra u Buhagiar kienu ħbieb kbar.

X'aktarx li dan il-pittur qatt ma mar barra minn Malta. Edward Sammut fil-ktieb tiegħu *Art in Malta* jikteb li m'hemmx dubju li l-istil tal-pitturi kbar tiegħu għall-knejjes huma fuq l-istil tal-iskola Naplitana. Mhux ħafif tgħid kif ix-xogħlijiet tiegħu huma daqshekk qrib it-tradizzjoni Barokka Naplitana. Huwa għex fi żmien meta kien hawn bosta xogħol ta' skultura u pittura reliġjuża. Naturalment xi ftit kien ukoll imnebbaħ mill-artisti li ġew qablu u ta' żmienu imma hu laħaq il-quċċata.

## L-Ewwel Xogħlijiet

Waħda mill-ewwel xogħlijiet ta' Francesco Zahra kienet pittura għad-Dumnikani tar-Rabat, dan kien fl-1732 u tliet snin wara, fl-1735 kien ikkommissjonat ipitter żewġ kwadri kbar għall-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta, meta kellu 25 sena. Kien jiffirma l-pitturi tiegħu **Francesco Vincenzo Zahra.** Dawn li semmejna kienu l-ewwel xogħlijiet kbar tiegħu u kienu strumentali biex beda l-karriera brillanti tiegħu ta' pittur mill-aqwa.



Pittura fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun.

Ingħata għadd sabiħ ta' kummissjonijiet biex ipitter żewġ kwadri laterali. Fil-kor ta' Bormla għandna żewġ kwadri minn dawn li Eugene F. Montanaro jikteb li huma ta' min isemmihom flimkien m'oħrajn. L-istess storiku jikteb li F. Zahra huwa l-aqwa eżempju ta' żmienu, artist li ddistingwa ruħu hekk li r-reputazzjoni tiegħu għadha sa żminijietna. Naturalment kien ukoll influwenzat mill-istil Barokk – reliġjuż f'Malta imma ħoloq l-istil tiegħu.

Fl-1740 pitter l-*abside* fil-kappella tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Dan hu xogħol ta' valur artistiku kbir billi kien l-ewwel xogħol fl-istil ta' Mattia Preti li kien pitter is-saqaf ta' San Ġwann tal-Belt dirett fuq il-ġebla. Fl-istess sena Zahra għamel il-kwadru *Il-Preżentazzjoni ta' Ġesù Bambin fit-Tempju* għall-knisja parrokkjali ta' belt twelidu l-Isla.

## Iż-Żwieġ ta' Francesco Zahra

Francesco Zahra qatta' t-tfulija u ż-żgħożija ġewwa l-Isla. Iżżewweġ lil Teresa Fenech fil-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta nhar is-16 ta' Frar, 1743 u kellhom mill-anqas ħames ulied, Casimiro, Prassede, Blandina, Aurelio u Aloysio jew Luigi li meta kiber sar saċerdot. Il-familji ta' F. Zahra u G.N Buhagiar baqgħu ħbieb hekk li Gian Nikola kien il-parrinu ta' Blandina. Iż-żewġ familji kienu marru joqogħdu l-Belt Valletta. Francesco baqa' joqgħod il-Belt sakemm miet. Kien jieħu ħsieb sew ta' wliedu u raġel tal-familja. Fl-1747 miet missieru fl-Isla, wara li laħaq ra lil ibnu jirnexxi imma Francesco ħass sew in-nuqqas ta' missieru.

Ta' min jgħid hawnhekk li Francesco u missieru ġieli ħadu xogħol flimkien f'dik li hi pittura u skultura kif għamlu għal-*lavatorio* tal-ilma għall-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ li kien

iddisinja l-istess Francesco. Hemm min jgħid li Francesco kien pittur u disinjatur biss imma xi wħud jgħidu li għamel xi xogħol ta' skultura wkoll.

Huwa kien pittur tabilħaqq versatili u ħadem għadd kbir ta' xogħlijiet. L-aħjar xogħol tiegħu huwa fir-ritratti li pitter u l-kompożizzjonijiet sagri. Hemm żewġ awto-ritratti li huma attribwiti lil Francesco Zahra, wieħed minnhom jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Barra għall-knejjes oħra huwa għamel ukoll xogħol għall-katidral tal-Imdina fosthom il-famuż sepulkru. Il-pittura li turi l-*Glorja ta' San Pawl* li pitter għas-saqaf tal-awla kapitulari tal-katidral hija meqjusa bħala kapolavur u saret bejn l-1755-56. Huwa kien ukoll disinjatur mill-aħjar. Iddisinja l-prospettiva tal-kappella tas-Sagrament fil-katidral ta' Għawdex u pitter żewġ kwadri għall-istess kappella. Għall-bażilka ta' San Ġorġ, Għawdex, Zahra għamel id-disinn biex l-altar tal-kappella tal-erwieħ jinkesa bl-irħam mill-marmista ħabib tiegħu Giovanni Antonio Durante u pitter żewġ kwadri kbar; San Ġorġ quddiem l-Imperatur Ruman Deoklezjanu u l-qtugħ ir-ras tal-qaddis, il-martirju. Dan biex nagħtu biss xi eżempji għax trid volum biex issemmi x-xogħlijiet kollha ta' Zahra.

Fl-1744 ġie Malta Antoine de Favray u għalkemm Zahra kellu kompetizzjoni kbira minnu u forsi għall-ewwel raħ bħala rival, fil-fatt saru ħbieb kbar hekk li ġieli ħadmu flimkien. Favray għen lil Francesco fil-karriera tiegħu li mxiet il quddiem. Kienu l-akbar żewġ artisti tas-seklu tmintax, il-Franċiż Antoine de Favray (1706-1792) li kien ippatronizzat l-aktar mill-klassi l-għolja u Francesco Zahra li kellu ħafna aktar xogħol fil-qasam reliġjuż għall-knejjes. Il-Kan. Vincenzo Caruana Gatto jgħarrafna li meta kienu jikkommissjonawlu xi kwadru, Zahra kien jimmedita serjament fuq is-suġġett, jistudja l-ġrajja tal-protagonista u kważi kien jixtieq li jsib ruħu f'dak iż-żmien u f'dak il-post.

## Pittura ta' Francesco Zahra f'Bormla fil-Knisja Parrokkjali



Xogħol mill-isbaħ, skont il-kritiċi tal-arti huma ż-żewġ kwadri li nsibu fil-kor impittrin minn Francesco Zahra. F'waħda mill-pitturi hemm il-figura ta' Duns Skotu n-naħa t'isfel fuq ix-xellug tal-kwadru li hemm min jgħid li hija wkoll awto ritratt tiegħu. Imma l-Kan. Fortunato Panzavecchia jikteb li Duns Skotu f'din il-pittura huwa ritratt ta' wieħed mill-aħwa żgħar ta' Francesco li kien sar qassis, x'aktarx Benedetto. L-aħwa jixxiebħu! Dan il-kwadru jirrappreżenta d-dutturi u l-għorrief tal-knisja jfaħħru t-twelid tal-Madonna mingħajr id-dnub ,oriġinali. Il-kwadru l-ieħor juri lil Sant'Anna u 'l San Ġwakkin jifirħu mal-anġli għall-aħbar tat-twelid tal-Madonna. Dawn saru fl-1761 u J.J. Cremona jsejilħhom '*verament sbieħ*'. Dawn iż-żewġ kwadri kienu restawrati din is-sena.

Pittura oħra ta' Zahra fil-knisja parrokkjali ta' Bormla hija l-kwadru ewlieni fil-kappellun ta' Santa Katarina li turi ż-żwieġ mistiku tal-qaddisa. Fin-naħa ta' fuq naraw il-Madonna bil-Bambin, lil Santa Katarina, lil San Alwiġi Gonsaga, San Kosma u San



Pittura tal-Altar ta' Santa Katarina

Damjan, figuri oħra u anġli. Dan il-kwadru qiegħed fi prospettiva eleganti magħmulha fl-1729 minn Francesco Fabri. Il-Kan. F. Panzavecchia jsemmi li l-pittura ovali ta' fuq dan il-kwadru ta' Santa Katarina huwa wkoll ta' Zahra.

Fil-ġenb ta' dan l-artal insibu artal ieħor li għandu kwadru ta' Zahra. Dan huwa ta' San Kristofru jew kif magħruf ta' Santu Kristu. Dan il-kwadru jirrappreżenta lil San Kristofru jerfa' lill-Bambin Ġesù, naraw ukoll lill-Madonna, San Ġużepp flimkien ma' Santu Rokku, Sant'Anna u San Ġwakkin u Sant'Agata. Il-kwadri tal-*Via Sagra* li nsibu fil-kappellun tal-Kurċifiss huma wkoll attribwiti lil Francesco Zahra.

## Fl-Oratorju – Pittura ta' Francesco Zahra u skultura ta' missieru Pietro Paolo



Wieħed mill-istazzjonijet tal-Via Sagra.

Pittura tassew artistika u xogħol tassew tajjeb b'kompożizzjoni b'saħħitha u rendiment tassew movumentat hija l-kwadru titulari li nsibu fl-Oratorju. Dan juri lil Kristu mejjet qiegħed jitniżżel minn fuq is-salib u d-Duluri tħares taħt is-salib ta' Binha Ġesù mejjet. Fuq dan il-kwadru naraw pittura ovali tal-Missier Etern li probabbli hija wkoll tal-istess pittur. Fil-ġnieb tal-kappella tal-Oratorju nsibu wkoll żewġ pitturi laterali f'għamla ta' nofs tond li jinsabu ftit fil-għoli li huma wkoll ta' Zahra. Fihom naraw lil Kristu msallab qiegħed jiġi arbulat u d-difna ta' Kristu. Fiż-żewġ pitturi tidher ommu Marija warajh sal-aħħar bl-akbar dulur. Dawn ukoll huma xogħlijiet tajbin b'kompożizzjoni interessanti.

Francesco u missieru Pietro Paolo t-tnejn għandhom xogħol mill-isbaħ f'dan l-Oratorju billi barra l-pittura hekk tajba ta' Francesco nsibu li missieru P. Paolo u Francesco Fabri skolpew erba' misteri tal-passjoni fil-ġebla Maltija. Dawn

il-gruppi tassew artistiċi juru lil Kristu fl-ort, il-flaġellazzjoni, Kristu nkurunat bix-xewk u Kristu bis-salib u l-Veronika. Hekk fix-xogħlijiet artistiċi tagħhom jingħaqdu f'dan l-oratorju u fil-knisja parrokkjali l-missier Paolo skultur u ibnu Francesco il-famuż pittur!


It-Titular tal-artal tal-oratorji

## Fil-knejjes l-oħra

Il-kwadru titulari tal-Konverżjoni ta' San Pawl kien ukoll attribwit lil Francesco Zahra imma fl-1781, fil-Viżta Pastorali, l-Isqof Labini ordna li jsir rinovament ta' dan il-kwadru ewlieni. Għalhekk il-kwadru ta' Zahra kien tqiegħed fis-sagristija u floku sar kwadru titulari ġdid minn Rokku Buhagiar. Dan għadu l-kwadru li hemm illum.

Fil-knisja ta' San Pawl insibu wkoll il-kwadru ta' Santa Barbara fuq wieħed mill-altari tal-ġnub li huwa attribwit lil Francesco Zahra. Din il-qaddisa verġni u martri kienet il-patruna tal-bombardieri u tidher fin-nofs lesta għall-martirju billi fil-ġenb jidher suldat Ruman. Fi kwadru n-naħa t'isfel tidher xini tal-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann.

L-Istoriku Charles Galea Scannura jgħarrafna li dan il-kwadru sar spejjeż tal-Proto Magistro inkarigat minn armar tal-gwerra tal-Ordni ta' San Ġwann bil-permess mogħti lilu fit-13 ta' Diċembru, 1758. Il-Prokuraturi ta' dan l-altar kienu Paskal Montagna u Ġwakkin Cachia, li kien jaħdem fuq ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann.

Meta kont qiegħed infittex fuq ix-xogħlijiet li għandu fil-knisja ta' Santa Tereża l-Pirjol Patri Martin Borg O.C.D. għarrafni li Francesco Zahra kien għamel proġett li kien jinkludi d-disinn tal-artal maġġur li nkesa bl-irħam bil-ġirandola ta' fuqu b'kollox u disinn għall-isfera tal-fidda biex titpoġġa ġol-ġirandola tal-irħam. Għadha teżisti l-bieba tat-tabernaklu impittra minnu għal fuq dan l-artal eleganti.

Fil-knisja ta' Santa Tereża fuq l-artal ta' San Ġwann tas-Salib, hemm ukoll *sotto kwadru* interessanti mpitter minn dan l-artist prolifiku. Juri lill-Madonna tal-Ħniena jew tal-*Pieta*. Il-festa tagħha kienet issir fil-15 ta' Awwissu u kien irregala dan il-kwadru lill-knisja Carlo Franchi. Marbuta ma' dan il-kwadru kien hemm il-Fratellanza tal-*onorati* jew nies nobbli.

Għall-knisja ta' Santa Margerita Francesco Zahra pitter il-kwadru titulari b'kompożizzjoni b'saħħitha li turi lill-Madonna bil-Bambin fin-nofs, anġli u lil Santa Margerita titlob, jidhru wkoll Santa Tereża u San Ġwann tas-Salib. Ma ninsewx li dawn

huma ż-żewġ qaddisin ewlenin għall-Ordni Tereżjan. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru fuq il-lemin hemm l-arma tal-Isqof Alpheran de Bussan billi din il-pittura saret fi żmienu. Iż-żewġ pitturi iżgħar ma' ġenb dan il-kwadru li fihom naraw lil San Ġużepp u lil San Franġisk de Paola u fihom tidher ukoll l-arma tal-istess Isqof huma wkoll ta' Zahra. Tiegħu wkoll huwa l-kwadru ta' San Franġisku Saverju fuq wieħed mill-altari tal-ġnub.

Mix-xogħlijiet ta' Francesco Zahra mqar ġo Bormla biss ukoll naraw il-ħidma kotrana tiegħu. Huwa miet fid-dar tiegħu l-Belt, wara ħajja tassew bieżla fid-19 ta' Awissu, 1773 fl-għomor ta' 63 sena, imma l-għadd tabilħaqq kbir ta' pittura ma' Malta u Għawdex kollha li ħallielna tixhed il-wirt tal-aqwa artist Malti tas-seklu tmintax. Huwa ħadem bla heda għal aktar minn 40 sena bejn l-1732 u l-1773 u b'ħidmietu kien magħruf u maħbub minn dawk li jħobbu l-arti, nies tal-knisja, skolari u l-poplu. L-arti tiegħu tirrifletti l-għeruq fondi reliġjużi tal-poplu Malti. Min-naħa tagħna napprezzaw ix-xogħlijiet tiegħu bħala wirt nazzjonali, reliġjuż, artistiku u kulturali ta' wieħed mill-akbar pitturi Maltin.

**Biblijografija**


Azzopardi J. Editur : *Francesco Zahra 1710 – 1773* Malta 1986

Galea Scannura Charles: *Tagħrif storiku Dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla* Malta 1983 u artiklu fuq il-knisja ta' San Pawl, Bormla

Terribile Tony: *Teżori fil-Knejjes Maltin Vol. 2* PIN Malta 2002

Abela Joe Rev. Kan. *Lista ta' Pittura fil-Kolleġġjata ta' Bormla* (tagħrif)

Sammut Edward: *Art in Malta*, Malta 1954 (*reprint* 1955)



The Nail Maker by Ingrid

Acrylic and Gel Nail extentions,
nail art, manicures and pedicures,
natural nail care.
Mob: 9989 7061 Tel: 2182 0222

Blk4, No. 13, Triq Patri Indri Vella o.p. Birgu

Ibbukkja full set ta' Acrylic jew Ġels u tingħataw 5 euro mnaqqsa
minn make up mingħand Make up Artist
jekk iġġibu magħkom dan ir-riklam!
(Din l-offerta valida għal Diċembru biss)

Nixtieq il-festa, il-Milied u s-Sena t-tajba lill-Bormlizi kollha.